**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**

**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgħa, 26 ta' Frar 2025**

**Kawża Numru: 19**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 73/2025 JVC**

**Benjamin Hilary Zammit sive Benjamin Hilary Zammit McKeon I.D. 222892M u martu Janica Marie Zammit nee' Barbara I.D. 0300589M**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Benjamin Hilary Zammit et talbu kif isegwi:

1. 'Illi kif jirriżulta mil-Att ta' Twelid bin-Numru Progressiv 2228 datat 13 ta' Mejju 1992 anness bħala **Dok A**, isem (u kunjom) l-esponent Benjamin Hilary Zammit ġie reġistrat bil-kunjom **Zammit** biss;

2. Illi konsegwentement, kunjom l-istess esponent fuq il-Karta ta' l-Identita' tiegħu, u dokumenti uffiċjali tiegħu b'mod partikolari l-passaport tiegħu annessi bħala **Dok B1 u B2,** ġie wkoll indikat bħala Zammit;

3. Illi kif jirriżulta wkoll mill-istess Dok. A hawn fuq imsemmi, kunjom missier l-esponent ġie mniżżel ukoll bħala Zammit, kif kien imniżżel ukoll fuq iċ-ċertifikat ta' twelid ta' l-istess missieru- **DokC2**, u ċertifikat ta' żwieġ tal-istess missieru wkoll fost oħrajn – **Dok C1**;

4. Illi madanakollu minn verifiki li għamel l-esponent għandu jirriżulta li propjament in-nannu patern tiegħu Joseph

(Giuseppe) u cioe' missier missieru kien reġistrat bil-kunjom Zammit McKeon (**Dok D** anness – ċertifikat ta' twelid relattiv) fejn missier id-defunt Joseph Zammit McKeon u cioe' l-Bużnannu tal-esponent kien infatti ndikat bħala Alfredo Eduardo Zammit McKeon) b'dan li għal xi raġuni, eventwalment missier l-esponent ma ġiex reġistrat bl-istess mod f'dak li jikkonċerna dan il-kunjom bħala kunjom *double barrel*.

Minn verifiki ulterjuri għandu jirriżulta li effettivament il-kunjom McKeon jirrisali għall-kunjom MacHeon li kien il-kunjom ta' xbubit omm l-imsemmi Alfredo kif jirriżulta miċ-Ċertifikat ta' twelid tal-Bużnannu tal-esponent, **Dok E** anness u minn fejn għaldaqstant jidher li l-kunjom McKeon beda mbad jintuża stante ż-żwieġ tal-ġenituri tal-istess Alfredo;

Jirriżulta wkoll li l-imsemmi Joseph (Giuseppe Zammit McKeon) miet ukoll b'dan il-kunjom kif jirriżulta minn **Dok F** anness cioe' ċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu, b'dan illi għal xi raġuni kunjom missier l-esponent ma segwiex il-kunjom sħieħ ta' missieru.

**5.** Illi kienet x'kienet ir-raġuni għal dan il-fatt għandu jirriżulta li effettivament, meta saru r-reġistrazzjonijiet relattivi, kien hemm żball fl-indikazzjoni ta' kunjom missier l-

esponent illum defunt, u kunjom l-esponent innifsu bħala Zammit biss meta dan kjarament kellu jkun indikat bħala Zammit McKeon;

6. Illi madanakollu, daparti tiegħu l-esponent Benjamin Hilary Zammit ilu snin fi kwalunkwe każ juża l-kunjom sħieħ Zammit McKeon kif jirriżulta mid-diversi dokumenti annessi bħala **Dok G1 sa G28 li jmorru lura għal diversi snin,** konsistenti minn ċertifikati akkademiċi u ta' riżultati, u dokumenti ta' impjieg, work history u FS3s, u huwa għal din ir-raġuni li huwa jqis li diġa' jinsab magħruf bil-kunjom Zammit McKeon;

7. Illi għalkemm permezz ta' l-emendi fl-Iskeda relattiva li jirreferi għaliha l-artikolu 257 tal-Kap. 16 Liġijiet ta' Malta għandu jirriżulta li l-Qorti ta' Reviżjoni Notarili jaf għandha l-fakulta li tordna ċertu korrezzjonijiet referibbli għall-kunjom tal-esponent[1] meta ftit xhur qabel iż-żwieġ tal-esponent, saru verifiki biex tiġi stabbilita' liema kienet l-aħjar proċedura li għandha tiġi segwita biex isiru tali

[1] tant li din l-iskeda tirreferi fost l-oħrajn għal *(e) Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija għandha tissejjaħ u kunjom; (f) Isem u Kunjom, dokument tal-identifikazzjoni, Età u post tat-twelid u residenza - (i) tal-ġenituri tat-tarbija; u (ii) tal-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni; (g) L-isem u l-kunjom tan-nanniet tat-tarbija u tal-ġenituri tal-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni …* wara li l-artikolu 257(a) jipprovdi li *Minkejja dak kollu li hemm fid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 253 sa 256, it-tnejn inklużi: (a) il-korrezzjoni ta' reġistrazzjoni li tkun rettifika ta' indikazzjoni żbaljata ta' xi waħda jew iżjed mill-ħwejjeġ imsemmijin, dwar kull att, fit-Taqsima III tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi, tista' wkoll issir fuq ordni magħmul bil-miktub mill-Imħallef irtirat jew mill-Maġistrat irtirat jew mill-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili,*

korrezzjonijiet, l-esponent ingħata x'jifhem li din il-proċedura hi ntiża aktar għal sitwazzjoni fejn ikun hemm żball tal-pinna f'indikazzjoni ta' kunjom milli sitwazzjoni fejn parti minn kunjom ikun spiċċa mħolli barra, fil-waqt li ingħata x'jifhem ukoll li kwalsiasi bidla permezz tal-proċedura quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni Notarili taf tkun ukoll tirrikjedi bidla fiċ-ċertifikati ta' missier l-esponent illum mejjet – bil-konsegwenza li qraba oħra tal-esponent, b'mod partikolari ħutu jispiċċaw imbad huma b'sitwazzjoni fejn il-kunjom li jużaw huma bħala Zammit, ma jkunx jirrifletti dak ta' missierhom jekk dan jinbidel għal Zammit McKeon;

8. Illi b'hekk l-esponent ingħata x'jifhem li l-aktar proċedura apposita kellha tkun dik li qed titressaq quddiem din l-Onorabbli Qorti madanakollu peress li mbad kien wasal biex jiżżewweġ tqies illi ma kienx ser ikun hemm biżżejjed żmien biex dak kollu meħtieġ jilħaq isir qabel iż-żwieġ anki ħabba l-publikazzjoni tal-*marriage banns*. Madankollu ingħata x'jifhem li huwa seta' mbad imexxi din il-proċedura, flimkien ma' l-esponenti martu wara ż-żwieġ tagħhom;

9. Illi l-artikolu 253 (2) jipprovdi wkoll għall-possibilita' li persuna tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni tal-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu

ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv.

10. Illi f'ċertu każijiet, il-Qrati tagħna użaw id-diskrezzjoni tagħhom biex jippermettu wkoll, tibdil jew korrezzjonijiet ta' kunjom tenut kont ta' kif persuna tkun komunement magħrufa kwotidjanament – fosthom is-Sentenzi 713/2021 JVC fl-ismijiet *Mariem Al Saied Zawia Abela (I.D. 338100L) magħrufa bħala Maria Zawia Abela jew Maria Abela vs Direttur tar-Registru Pubbliku* deċiża 11 ta' Novembru 2021 u Rikors Guramentat Numru:- 857/2022 JVC *Carmelo Zammit sive Charles Zammit Haber (277943M) vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku* deċiża 17 ta' Jannar 2023, fejn saħansitra t-talba saret f'kuntest ta' użu ta' kunjom *double barrelled* minflok il-kunjom wieħed li kien twieled bih l-attur f'tali proċeduri kif ikun jista' jinwera fil-mori u eventwali trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri u b'hekk l-umli fehma hi li t-talba li qed issir permezz ta' dawn il-proċeduri għaż-żieda tal-kunjom McKeon wara l-kunjom Zammit tal-esponenti, għandha titqies waħda mistħoqqa tenut ukoll kont tal-fatt li l-kunjom sħieħ li l-esponent hu magħruf bih hu dak ta' Zammit McKeon li fi kwalunkwe każ kien il-kunjom tan-Nannu u Bużnannu tiegħu kif spjegat aktar kmieni;

11. Illi bl-istess mod, l-esponenti qed jitolbu sabiex bħala konsegwenza ta' dak hawn fuq mitlub, isiru wkoll il-korrezzjonijiet relattivi fuq l-Att ta' Żwieġ tal-esponenti anness bħala **Dok H** sabiex kunjom iż-żewġ esponenti fiż-żwieġ jiġi wkoll korrett għal Zammit McKeon fuq l-istess Att ta' Żwieġ u dokumenti oħra ta' identita', passaport etc tal-istess esponenti;

**Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ai termini tal-artikolu 253 (2) (tenut ukoll tal-artikolu 257(a) jekk jitqies il-każ), tal-Kodiċi Ċivili jilqa' t-talbiet li qed jitressqu permezz ta' din il-proċedura u b'hekk tordna u tiddikjara illi:**

1. Fir-rigward ta' l-Att ta' Twelid tar-rikorrent esponenti Benjamin Hilary Zammit (kif konsistentement magħruf bħala Benjamin Hilary Zammit McKeon) Reġistrat mar-Reġistru Pubbliku bin-Numru Progressiv 2228 datat 13 ta' Mejju 1992, għandhom isiru l-korrezzjonijiet jew annotazzjonijiet opportuni sabiex kunjom l-istess esponent fuq l-Att ta' Twelid kif ukoll fuq l-Att ta' Żwieġ tiegħu (u konsegwentement dak ta' l-esponenti martu fiż-żwieġ) jiġi ndikat li hu (jew li tal-inqas li hu magħruf) bħala Zammit McKeon;

2. Konsegwentement tordna u tippermetti lill-intimat sabiex jagħmel kwalsiasi korrezzjonijiet, annotazzjonijiet jew żidiet oħra referibbli għal kunjom l-esponent kif ukoll għal kunjom l-esponenti martu fiż-żwieġ sabiex b'hekk l-Awtoritajiet jew Dipartimenti kompetenti ikunu jistaw jikkoreġu d-dettalji tal-kunjom tar-rikorrent u tar-rikorrenti martu fiż-żwieġ skont kif hawn fuq mitlub fuq kull dokument uffiċjali tal-istat Ċivili tagħhom inkluż l-Att ta' Twelid tal-esponent Benjamin Hilary Zammit bin-Numru Progressiv 2228 datat 13 ta' Mejju 1992 u l-Att taż-Żwieġ taż-żewġ esponenti bin-numru ta' Reġistrazzjoni 1402/2024 datat 15 ta' Ġunju 2024, Karta ta' l-Identita', passaport u fuq kwalsiasi dokumenti oħra uffiċjali oħra tagħhom u sabiex tali kunjom kif emendat jiġi eventwalment rifless fuq l-istess dokumenti ta' l-eventwali ulied u dixxendenti ta' l-esponenti a tenur tal-artikolu 253(3) tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tordna li l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti sabiex issir kull korrezzjoni mitluba mir-Reġistratur fi żmien għaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tgħaddi f'ġudikat u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

u dan skond dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma jekk saritx pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur. Madanakollu, mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti;

3. Illi minn dak li jirriżulta *ictu oculi*, skont l-**Att tat-Twelid** bin-numru progressiv **2228/1992** jidher li r-rikorrent **'Benjamin Hilary Zammit'** twieled ġewwa Malta, nhar it-tnejn u għoxrin (22) t'April 1992, lil 'Alexander Joseph Zammit' u 'Emanuela *wife of the said* Joseph Zammit', fiż-żwieġ;

4. Illi in vista tal-liġi applikabbli fiż-żmien meta twieled u ġie reġistrat ir-rikorrent, huwa awtomatikament adotta kunjom missieru kif jidher fl-istess Att tat-Twelid suċitat u ċioe' l-kunjom '**Zammit**'. Id-dikjarazzjoni fuq l-Att tat-Twelid saret

minn missier ir-rikorrent is-Sur **'Joseph Zammit'**, u għalhekk, ċertament ma jistax jingħad illi sar xi żball mill-esponent Direttur meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid suċitat;

**5.** Illi konsegwentement, ir-rikorrent ġie ndikat bil-kunjom 'Zammit' anke fuq l-Att taż-Żwieġ tiegħu bin-numru **1402/2024.** Skont l-istess Att, ir-rikorrenti **'Janica Marie Zammit'**, u cioe' l-mara ta' **'Benjamin Hilary Zammit'**, adottat ukoll il-kunjom 'Zammit' u għalhekk b'mod awtomatiku l-isem tal-familja ġie ndikat ukoll bħala 'Zammit';

**6.** Illi fir-rigward tat-**tieni talba**, r-rikorrenti għandhom jitolbu korrezzjoni tant illi n-numru progressiv tal-Att taż-Żwieġ huwa **1402/2024** u mhux **666/2024** u li *se mai*, t-tibdil fil-kunjom għandu jiġi rifless ukoll fl-isem tal-familja ai fini ta' uniformita' u korrettezza**.** Magħdud ma' dan, jekk ir-rikorrenti jixtiequ illi t-tibdil tal-kunjom għandu jiġi rifless fuq Atti ta' Stat Ċivili oħra fil-pussess tal-esponent Direttur, dawn għandhom jiġu ndikati minnhom b'mod ċar permezz ta' referenza għan-numru progressiv u s-sena ta' kull Att;

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent qiegħed jirrimetti ruħu, salv illi din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta illi r-rikorrent verament minn dejjem kien magħruf bil-kunjom

**'Zammit McKeon'** u li l-provi miġjuba minnu jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

8. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 49 tal-proċess b'dana li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat illi llum stess saret korrezzjoni fin-numru tal-att taż-żwieġ fit-tieni talba tar-rikors ġuramentat b'dan li ġiet sorvolata s-sitt eċċezzjoni tad-Direttur intimat.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat il-bosta dokumentazzjoni li nħarġet f'ħajjiet ir-rikorrent Benjamin Hilary Zammit li turi li fil-ħajja tiegħu ġewwa l-iskola u fil-ħajja lavorativa tiegħu huwa kien dejjem magħruf bil-kunjom Zammit McKeon u mhux biss Zammit.

Semgħet ix-xhieda tiegħu llum stess fejn spjega li sa mit-twelid huwa kien dejjem mingħalih li huwa Zammit McKeon u sar jaf biss meta kiber li fid-dokumentazzjoni huwa ma għandux imniżżel il-kunjom McKeon.

Semgħet ix-xhieda ta' martu Janica Marie Zammit illi kkonfermat illi kemm ilha tafu hi minn dejjem tafu bil-kunjom Zammit McKeon.

In vista ta' dan kollu suespost il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tgħaddi biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad il-bqija tar-risposta tad-Direttur intimat sakemm hija nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa′ l-ewwel talba u tordna li fir-rigward ta′ l-Att ta′ Twelid tar-rikorrent Benjamin Hilary Zammit (kif konsistentement magħruf bħala Benjamin Hilary Zammit McKeon) reġistrat mar-Reġistru Pubbliku bin-Numru Progressiv 2228 datat 13 ta′ Mejju 1992, għandhom isiru l-korrezzjonijiet jew annotazzjonijiet opportuni sabiex kunjom l-istess esponent fuq l-Att ta′ Twelid kif ukoll fuq l-Att ta′ Żwieġ tiegħu jiġi ndikat li hu bħala Zammit McKeon u mhux biss Zammit;

3. Tilqa' t-tieni talba limitatament tordna u tippermetti lill-intimat sabiex jagħmel kwalsiasi korrezzjonijiet, annotazzjonijiet jew żidiet oħra referibbli għal kunjom ir-rikorrent kif ukoll għal kunjom ir-rikorrenti martu fiż-żwieġ sabiex b′hekk id-Direttur intimat jikkoreġi kull att u dokument uffiċjali fil-poteri tiegħu fosthom l-Att ta′ Twelid tar-rikorrent Benjamin Hilary Zammit bin-Numru Progressiv 2228 datat 13 ta′ Mejju 1992 u l-Att taż-Żwieġ taż-żewġ bin-numru ta′ Reġistrazzjoni 1402.2024 datat 15 ta′ Ġunju 2024, fir-rigward tad-dokumenti l-oħra li ma humiex fil-poter tad-Direttur tiċħad it-talba nonostante li se mai l-korrezzjoni tkun awtomatika wara d-deċiżjoni ta′ din il-Qorti;

4. Tilqa' it-tielet talba kif dedotta;

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**26 ta' Frar 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**26 ta' Frar 2025**